31967R0423

IR-REGOLAMENT Nru 423/67/KEE TAL-KUNSILL
ta' l-25 ta' Lulju 1967
li jistabbilixxi s-salarji tal-membri tal-kummissjonijiet kee u keea u ta' l-awtorità għolja li ma ġewx maħtura membri tal-kummissjoni waħdanija tal-komunitajiet ewropej

Il-kunsill tal-komunitajiet ewropej,

Wara li kkunsidra t-trattat li jistabbilixxi kunsill wieħed u kummissjoni waħda għall-komunitajiet ewropej (1), u b'mod partikolari l-artikolu 34 tiegħu;

Billi huwa f'idejn il-kunsill li jiddetermina s-salarji ta' l-ex membri ta' l-awtorità għolja u tal-kummissjonijiet tal-komunità ekonomika ewropea u tal-komunità ewropea dwar l-enerġija atomika li, ma' tmiem il-kariga, ma ġewx maħtura membri tal-kummissjoni;

Adotta dan ir-regolament:

Artikolu 1

Ex membri ta' l-awtorità għolja u tal-kummissjonijiet tal-komunità ekonomika ewropea u tal-komunità ewropea dwar l-enerġija atomika li, ladarba temmew il-kariga skond l-artikolu 32 tat-trattat li jistabbilixxi kunsill wieħed u kummissjoni waħda tal-komunitajiet ewropej, ma ġewx maħtura membri tal-kummissjoni waħdanija, għandhom ikunu intitolati mill-1 ta' awissu 1967 sal-31 ta' Diċembru 1967 li jirċievu salarju bażiku, konċessjoni ta' flus tal-familja u konċessjoni ta' flus għar-residenza provvduti fl-artikoli 2, 3 u 4 (1) tar-regolament tal-kunsill nru 422/67/kee, 5/57/eurotom (2) tal-25 ta' Lulju 1967.

Jekk, matul dak il-perjodu, il-persuna konċernata tidħol f'attivita ġdida li minnha taqla' l-flus, ir-rikumpens gross tagħha fix-xahar (jiġifieri qabel it-tnaqqis tat-taxxi) għandu jitnaqqas mill-ħlas imsemmi hawn fuq. Id-disposizzjonijiet tat-tieni sentenza ta' L-artikolu 7(3), u l-artikolu 7(4) tar-regolament tal-kunsill nru 422/67/kee, 5/67/eurotom tal-25 ta' Lulju 1967 għandhom japplikaw b'mod analogu.

Artikolu 2

Id-disposizzjonijiet ta' L-artikoli 5,11, 12, 13, 15, 17, 18, 19 u 21 tar-regolament nru 422/67/kee, 5/67eurotom għandhom japplikaw għall-ex membri ta' l-awtorità għolja u tal-kommissjonijiet tal-komunità ekonomika ewropea u ta' l-aġenzija ewropea dwar l-enerġija atomika msemmija fl-artikolu 1; id-disposizzjonijiet ta' L-artikoli 7, 8 u 9 ta' dak ir-regolament għandhom japplikaw għalihom mill-1 ta' Jannar 1968 u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 14 tiegħu għandhom japplikaw b'mod analogu mis-6 ta' Lulju 1967 sal-31 ta' Diċembru 1967.

Il-perjodu li matulu jrid isir il-ħlas provvdut fl-artikolu 1 għandu jiġi kkunsidrat fil-kalkolu tal-konċessjoni tranżizzjonali fi flus u tad-drittijiet tal-pensjoni.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-istati membri kollha.

Magħmul fi Brussel, il-25 Lulju 1967.

Għall-kunsill

Il-president

Fr. NEEF

(1) ĠU C 152, tat-13.7.1967, p. 2.
(2) ĠU C 187, tat-8.8.1967, p. 1.